*- Il-Prova b'Dokumenti Kunfidenzjali jew Privileġġjati -*
*- Dokumenti dwar Proċedura Interna ta' Bank Kummeċjali rigward Prevenzjoni ta' Ħasil ta' Flus -*
*- Att dwar is-Segretezza Professjonali (Kapitolu 377) -*
*- Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kapitolu 371) -*
*- Att kontra Money Laundering (Kapitolu 373) -*
*- L S 373.01 (Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu) -*
*- Ġurisprudenza Maltija u Estera -*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-21 TA' ĠUNJU, 2021

**PROVVEDIMENT**

**Kawża Numru:**

**Rik. Ġur. 968/2013 RGM**

**Dr. Suzanne Wolfe Martin noe.**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tas-soċjetà konvenuta Bank of Valletta p.l.c.** ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2021, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

Illi fl-20 ta' Jannar 2021 waslu ghand il-Bank esponent, zewg Tahrikiet ta' Xhieda, wahda indirizzata lil "Marisa Frendo, bhala rapprezentanti tal-Bank of Valletta" u l-ohra indirizzata lil "Vanessa Vella bhala rapprezentanti tal-Bank of Valletta" biex jghatu x-xiehda taghhom fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021 fl-10.00 a.m. quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Jonathan Spiteri.

Illi dan ir-rikors jikkoncerna s-salvagwardji minn zvelar ta' *Anti-Money Laundering /know your client Procedures* li ghandu l-Bank esponent.

Illi l-Bank esponent jixtieq jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi kemm l-imsemmija Marisa Frendo kif ukoll Vanessa Vella m'ghadhomx jahdmu mal-Bank. B'danakollu, minkejja li t-tahrikiet waslu daqstant tard qabel id-data tas-seduta, ser ikun jista' jattendi eventwalment rapprezentant iehor tal-Bank minflokhom. Il-Bank esponent ma jsib l-ebda diffikulta` biex jixhed dwar il-fatti ta' dan il-kaz, jigifieri, m'ghandux problemi li jsiru mistoqsijiet pertinenti dwar il-fatti u cirkostanzi ta' dan il-kaz partikolari, pero' mhux l-istess dwar x'gara jew x'jista' jsir f'kazijiet ohrajn b'mod generali.

Illi b'danakollu, il-Bank esponent ihoss illi t-Tahrika ta' Xhieda ta' Marisa Frendo, kif formulata, tohloq diffikultajiet bla bzonn, u dan kif ser jigi mfisser hawn taht:

1) Illi s-socjeta` attrici qieghda titlob lil Bank of Valletta p.l.c. "*sabiex tipprezenta employee manuals, AML/KYC manuals, onboarding templates, internal memos, kif ukoll standard operating procedures, ilkoll relatati ma' onboarding, ongoing monitoring, kif ukoll suspicious transaction reporting, li kien jimplimenta l-Bank of Valletta fil-perijodi 2007 sa 2015*".

2) Illi ghal diversi ragunijiet li sejrin jigu mfissra hawn taht, din it-talba ma ghandhiex tigi ammessa minn Din l-Onorabbli Qorti:

3) Illi l-punt ta' tluq ghandu dejjem ikun illi l-provi jridu jkunu rilevanti ghall-kaz partikolari li l-Qorti jkollha quddiemha u mhux provi generici li jistghu jservu kwalunkwe skop iehor, izda li ma jkunux rilevanti ghall-vertenza li l-Qorti jkollha quddiemha.

4) Illi meta kawza tkun tirrigwarda x-xoghol ta' bank, il-materjal li jintalab ghandu jkun limitat, skont is-sensittivita` tieghu, ghal dak relatat mal-kaz partikolari u mhux li bank jigi mitlub ifawwar u jhaxxen il-process tal-Qorti b'*employee manuals* u hafna materjal generiku iehor li jkun jaghmilha difficli sabiex il-Qorti taghzel u tispigola dak li hu tassew pertinenti ghall-kawza minn dak li hu irrilevanti ghall-kawza.

5) Illi inoltre, meta kawza tkun tirrigwarda x-xoghol ta' bank, hafna taghrif ikun sensittiv u dan ghal diversi ragunijiet, specjalment fl-era moderna meta l-kriminalita`finanzjarja, timmanifesta ruhha b'modi elaborati u studjati, li allura jkunu jehtiegu salvagwardji bankarji elaborati u studjati biex jilqghu u jipprotegu kontra l-frodi bil-ghan li jigu protetti l-flus tal-klijenti jew ta' terzi.

6) Illi jekk is-socjeta` attrici mhix konxja jew ma jinteressahiex li tesponi fid-dominju pubbliku s-salvagwardji bankarji li Bank of Valletta p.l.c. ikkonfezzona u holoq sabiex jipprotegi ruhu u lil terzi kontra l-frodi bil-ghan li jigu protetti l-fondi li jghaddu jew ikunu fil-pussess tieghu, allura s-socjeta` attrici qieghda tkun jew '*shortsighted*' jew ingenwa jew irresponsabbli. Izda Bank of Valletta p.l.c. ma jistax jadotta tali attitudni li twarrab u tithalla jinkixfu s-salvagwardji bankarji li holoq u li ghandu *'in place'* sabiex iwettaq il-funzjoni komplessa u difficli li huwa fdat biha.

7) Illi mis-sigurezza tal-proceduri adoperati mill-Bank jiddependi wkoll is-success tal-Bank. Jekk il-Bank ikun imgieghel jikxef is-salvagwardji u proceduri bankarji, il-Bank ikun qed jigi intralcjat milli jwettaq bl-ahjar abilita` tieghu l-funzjoni finanzjarja tieghu, ghax ikun qed jesponi lill-klijenti tieghu billi jxandar

(kontra l-volonta` tieghu) liema huma s-salvagwardji procedurali li ghandu biex ihares ruhu mill-kriminalita`. Is-socjeta esponenti jidħlilha is-suspett li meta is-socjeta attrici tkun qed titlob lill-esponenti tesponi dettalji precizi u specifici dwar dawn is-salvagwardji lanqas qed tirrealizza x'periklu jista jinholoq ghall-kontrolli li istituzzjonijiet finanzjarji jaghmlu biex jissalvagwardaw il-pubbliku milli jispicca vitma ta reati finanzjarji.

8) Illi s-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova hija ta dak li tallega u cioe illi l-Bank esponent naqas mill-obbligi legali tieghu – jigifieri dawk l-obbligi legali li kienu in vigore fiz-zmien meta saru t-transazzjonijiet mertu ta din il-kawza, u dan ghandu jkun il-"benchmark" f'din il-kawza ; u cioe, jekk dawn ir-rekwiziti gewx applikati fit-transazzjonijiet li huma mertu ta' din il-kawza. Il-proceduri interni tal-Bank, kienu x'kienu ma jistghux ibiddlu l-obbligi legali tal-Bank.. Il-piz tal-prova huwa fuq spallejn is-socjeta` attrici stante li l-allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet qeghdin isiru mis-socjeta` attrici. Ghalhekk, hija ma tistax tipprova tisposta l-oneru tal-prova billi ggieghel lill-Bank jipprezenta "*employee manuals, AML/KYC manuals, onboarding templates, internal memos, kif ukoll standard operating procedures, ilkoll relatati ma' onboarding, ongoing monitoring, kif ukoll suspicious transaction reporting, li kien jimplimenta l-Bank of Valletta fil-perijodi 2007 sa 2015*".

9) Id-dokumentazzjoni li qed tintalab fit-Tahrika ta' Xhieda ta' Marisa Frendo tappartjeni lill-bank. Dawn huma dokumenti interni, li jirrigwardaw proceduri interni tal-Bank of Valletta p.l.c. u jappartjenu lilu. Hadd ma ggenera dawn is-salvagwardji procedurali bankarji ghall-uzu intern tal-Bank jekk mhux il-Bank stess. Ghalhekk, il-Bank ma jridx li dawn isiru pubblici, stante li l-pubblicita` taghhom tesponi lill-Bank u lill-pubbliku in generali ghal riskji kbar u serji. Dawn is-salvagwardji procedurali bankarji, anke jekk ikunu mizmumin f'envelopes jew kaxex issigillati, xorta se jkunu ghaddew minn idejn terzi persuni biex jintuzaw minnhom ghall-interess privat taghhom, u dan xejn ma jserrah mohh il-Bank.

10) Ghalhekk, il-Bank esponent hu tal-fehma illi din il-parti tat-Tahrika ta' Xhieda ta' Marisa Frendo kif ukoll l-ahhar talba fl-istessTahrika ta' Xhieda

m'ghandhomx jigu ammessi, u dan stante li r-riga ghandha tkun x'hemm ipprovdut fil-ligi dwar il-htiega li jigu osservati l-obbligi li hemm indikati fil-ligi. Jispetta lil min ikun ressaq il-kawza li jgib il-prova li l-obbligi li timponi l-ligi ma gewx osservati, cioe` li l-Bank naqas skont il-ligi, u mhux li l-Bank naqas jew ma naqasx li josserva s-salvagwardji procedurali bankarji li kkonfezzjona privatament ghall-ghanijiet interni tieghu.

Ghaldaqstant il-Bank esponent jitlob bir-rispett illi Din l-Onorabbli Qorti joghgobha Tirrevoka "contrario imperio" dik il-parti tal-ordni fit-Tahrika ta Xhieda ta' Marisa Frendo fuq imsemmija fejn il-Bank esponent gie ordnat jipproduci is-segwenti provi: "*employee manuals, AML/KYC manuals, onboarding templates, internal memos, kif ukoll standard operating procedures, ilkoll relatati ma' onboarding, ongoing monitoring, kif ukoll suspicious transaction reporting, li kien jimplimenta l-Bank of Valletta fil-perijodi 2007 sa 2015; illi fil-kaz li f'dan il-perijodu tali dokumenti gew aggornati, ghandhom jigu ipprezentati id-dokumenti kollha (kemm dawk precedenti, kif ukoll kif aggornati);*" – u dan peress li tali dokumentazzjoni hija irrelevanti, u ukoll peress illi hija dokumentazzjoni interna tal-Bank li tirrigwarda *Anti-Money Laundering procedures* u hija proprjeta` tal-Bank li tikkontjeni informazzjoni sensittiva dwar il-mod kif il-Bank jipprotegi ruhu u l-pubbliku in generali kontra l-frodi u reati ohra.

Rat ir-**risposta ta' Suzanne Wolfe Martin nomine** ppreżentata fl-4 ta' Frar, 2021 fejn jingħad kif ġej:

*Illi* din hija risposta ghar-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta plc (minn hawn il-quddiem 'BOV') intavolat nhar it-22 ta' Jannar 2021, u li sussegwentement nhar is-27 ta' Jannar 2021 ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'gimgha utili ghar-risposta;

*Illi* minkejja li l-esponenti ghada sal-gurnata tal-lum mhix notifikata, ghal kull buon fini u sabiex il-proceduri jipprocedu, qeghda toghod b'ruhha notifikata, u tintavola s-segwenti risposta;

*Illi* minhabba r-rikors ipprezentat da parti tal-BOV, is-seduta iffisata ghal 25 ta' Jannar 2021 quddiem Dr Jonathan Spiteri kellha tigi differita, u issa s-seduta li jmiss hija skedata ghad-9 ta' Marzu 2021;

Illi fattwalment, dan mhux l-ewwel rikors ta' din ix-xorta intavolat f'dawn il-proceduri mis-socjeta' BOV, u dana peress li permezz ta' rikors intavolat nhar il-16 ta' Jannar 2016, din l-Onorabbli Qorti giet mitluba sabiex "*tirrevoka contrario imperio l-awtorizazzjoni taghha biex Noel Abela jitressaq xhud f'dan l-istadju*", bil-Qorti taqta u tiddeciedi permezz ta' decizjoni datata 10 ta' Marzu 2016 li, "*... tichad it-talba tal-Bank intimat datata 16 ta' Jannar 2016 ghar-revoka contrario imperio tal-awtorizazzjoni tal-Qorti biex jitharrek ix-xhud Noel Abela*";

Illi in kwanti ghal dak indikat da parti tas-socjeta' BOV, l-esponenti ma' taqbilx fil-fatt u fid-dritt, u dana minhabba r-ragunijiet segwenti:

## A. Talba tal-BOV <u>mhux imsejsa fuq id-dritt</u>

*i.* *Illi* fost il-hafna affarijiet li s-socjeta' BOV qed tghid fir-rikors taghha, imkien ma' ghamlet referenza ghall-ebda ligi, insenjament, duttrina, prassi u/jew xi gurisprudenza sabiex tissostanzja dak li qed tghid – Il-BOV tghid biss li s-socjeta' attrici qed tkun, "*shortsighted*" jew "*ingenwa*" jew "*irresponsabbli*", u filwaqt li inkludiet varji aggettivi patronizanti sabiex tirreferi ghas-socjeta' attrici, naqset li tghid u tispjega taht liema ligijiet tali talba hija imsejsa;

*ii.* *Illi* bhala fatt, ix-xhieda u dokumentazzjoni mitluba saru b'rispett totali lejn inter alia artikolu 568(1), 569 u 570 tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta, fejn f'dettal gew elenkati d-dokumenti kollha u necessarji;

*iii.* *Illi* di pui, dak li qed tipprova taghmel is-socjeta' BOV immur ghad-dirittura kontra dak li jinghad fil-ligi senjatament artiklu 610(3) tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta, u dana stante li ghandu jkun l-assistant gudizzjarju li jiehu d-

decizjoni dwar rilevanza, ovvjament dana minghajr pregudizzju ghal kull ordni li l-Onorabbli Qorti timponi;

*iv.* *Illi* pero, meta wiehed ihares lejn is-sezzjonijiet tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, li jirrigwardjaw is-sezzjoni tax-xhieda, s-sezzjoni dwar dokumenti, kif ukoll is-sezzjoni dwar talbiet sabiex jingiebu dokumenti (artiklu 563 – 643) imkien ma' tezisti l-procedura intavolta mis-socjeta' BOV;

## B. Talba ta' Suzanne Wolfe Martin nomine <u>imsejsa fuq id-dritt</u>

*v.* *Illi* ghal kuntrarju ta' dak indikat fir-rikors tal-BOV, it-talba ta' Suzanne Wolfe Martin hija imsejsa fuq artiklu 637(1)(c) tal-ligijiet ta' Malta, fejn jintqal li huwa d-dritt tas-socjeta' attrici li titlob li jiguipprezentati d-dokumenti, sakemm,

*"tista' tintalab l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' ħaddieħor ...*
*...il-parti li titlob l-esibizzjoni tad-dokumenti, għalkemm id-dokumenti ma jkunux tagħha jew ma jkollhiex sehem fihom, turi li għandha interess li jinġiebu mill-parti l-oħra fil-kawża*";

*vi.* *Illi* ghalhekk il-metru tal-gudizzju mhux dak elenkat mis-socjeta' BOV, u cioe' li d-dokumenti huma "interni" u li "jappartjenu lilu", izda jekk humiex relevanti u ta' interess ghal kawza in ezami – f'dan il-kaz huwa car u manifest li l-interess huwa wiehed dirett u sostanzjali, kif ser jigi indikat hawn taht;

## C. Dokumenti mitluba huma rilevanti u ta' interess ghall-kaz in ezami

*vii.* *Illi* l-punt tat-tluq ghandu dejjem ikun ir-rikors promotur, it-talbiet attrici, kif ukoll ir-risposta u eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, permezz tal-liema tinghata spejga cara tal-istharrig li ghandu jsir tul is-smiegh tal kawza, liema

stharrig gudizzjarju ssir *inter alia* permezz ta' xhieda u evidenza ohra [ikluz dokumenti] li tingieb mill-partijiet rispettivi;

*viii.* *Illi* in sintezi, l-allegazzjonijiet da parti tas-socjeta' attrici huma:

**L-EWWEL** Li l-Bank naqas milli jaghmel dak li kien obbligat li jaghmel skont il-ligi ta' dak iz-zmien, in kwantu ghal diligenza dovuta [*due diligence*] meta ifforma relazzjoni kummercjali ma' numru ta' persuni[1], u dana bi ksur tal-ligi;

**IT-TIENI** Li l-istess Bank, permezz ta' l-agir u/jew nuqqasijiet tieghu, ippermetta li jsiru numru ta' tranzazzjonijiet [transactions] li huma cari li ma ghandom l-ebda gustifikazzjoni kummercjali u/jew li huwa car li ma' kienux sostunti minn dokumentazzjoni idoneja, u dana bi ksur tal-ligi;

**IT-TIELET** Konsegwenza ta' dan kollu, l-bank wassal u/jew kompla ghen sabiex is-socjeta' attrici tigi zvestita minn flusha;

*ix.* *Illi* l-Bank cahad kull allegazzjoni migjuba u qal li:

**L-EWWEL** Mhux minnu li l-Bank naqas minn xi obbligi li kellu skont il-ligi;

**IT-TIENI** Mhux minnu li l-Bank ikkontribwixxa b'xi mod ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

**IT-TIELET** Li l-bank mexa u osserva id-dispozizzjonijiet kollha tal-ligi;

**IR-RABA'** Il-bank ezercita '*due diligence*' u wettaq il-prekawzjonijiet li kellu skont il-ligi;

*x.* *Illi* gialadarba l-bank cahad kull alleggazzjoni, issa jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tressaq dawk il-provi dwar l-allegat nuqqassijiet da parti tal-

[1] Best Inter Limited; Syaufin Southern Europe Limited; Mediterranean Oil Traders Limited; Sealandair Energy International Limited; Gencon International Limited; Maher Mellouli; Dirk Borgers; Henri Baudet; SCI Consultants Limited;

Bank – illi ghalhekk apparti l-iskart ta’ provi li diga tressqu, hemm bzonn ukoll li jigu pprezentati s-segwenti:

| **PROVA DOKUMENTARJA** | **RAGUNI** |
|---|---|
| AML/KYC u employee manuals, Onboarding templates, internal memos, standard operating procedures, *Suspicious transaction reporting*, ilkoll relatata ma’ *onboarding* u monitoring process ta’ klijenti [Perjodu 2007 – 2015] | Gialadarba il-bank qal li segwa l-ligi inkluz l-obbligu li kellu *ai termini* ta’ artikolu 4 tal-avviz legali 180 of 2008, li *inter alia* tobbliga li “*ikun hemm proceduri ta’ rapport interni*” kif ukoll li “*tadotta mizuri u proceduri stabbiliti*”;<br><br>Illi permezz ta’ din il-prova ser jigi accertat jekk tali proceduri kienux qedhin jirrispettaw l-obbligi tal-ligi dwar onboarding ta’ klijenti, kif ukoll dwar obbligi in jwantu ghal suspicious transactions;<br><br>In oltre ser jigi ivverifikat jekk l-Bank segwiex l-istruzzjonijet tieghu stess meta kien qieghed jaghmel onboarding tal-klijenti rispettivi, kif ukoll in kwantu ghat-tranzazzjonijiet [*transations*] li sehhew; |

*xi.* *Illi* dana kollu mhux talli jikkonferma li t-talba tas-socjeta’ attrici fil-konfront ta’ dawn id-dokumenti hija gustifikata, li izda ukoll tirispetta pjenament dak li titlob u tesigi l-ligi;

## D. Il-Bank jimbarra l-bibien

*xii.* *Illi* l-impressjoni li qed tinghata hija li l-Bank huwa bil-wisq aktar interessat li ma' jhalliex dawn il-proceduri jiehdu l-kors naturali taghhom [in-numru ta' rikorsi, appelli u kull haga ohra jikkonferma dan], milli li nwasslu din is-saga [tajjeb jew hazin] ghal gudizzju ahhari;
*xiii.* *Illi* bid-dovut rispett, li l-Bank jghid li mhux gust li dawn id-dokumenti jigi intavolati ghaliex jitwieldu riskji zejda, u b'daqsekk wiehed ghandu jaccetta li dokumenti tant crucjali ma' jitpoggewx ghall-iskrutinju neccessarju;

*xiv.* Illi s-socjeta' attrici tirrispetta l-istituzzjonijiet bankarji u l-processi, izda u pero, ma' jfissirx li din il-kawza ghandha tigi sprovvista minn provi daqstant importanti u relevanti, sempliciment ghaliex hemm riskji – jekk jiztu r-riski niehdu l-prekawzzjonijiet, izda zgur li mhux ninbarraw il-bibien;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti din l-Onorabbli Qorti, qed tigi mitluba li tikkonferma d-digriet taghha, filwaqt li tichad it-talbiet tal-Bank of Valletta plc u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti hekk jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.

Rat wkoll in-nota ta' referenza tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fl-24 ta' Frar 2021;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigwardanti r-rikors tal-Bank konvenut suċitat;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Ikkunsidrat;

Fit-12 ta' Jannar 2021 l-attriċi nomine ħarrket lil Marisa Frendo, rappreżentatriċi tal-Bank of Valletta[2] sabiex, fost oħrajn,

> "tippreżenta employee manuals, AML/KYC manuals, onboarding templates, internal memos, kif ukoll standard operating procedurs, ilkoll relatati ma' onboarding, ongoing monitoring, kif ukoll suspicious transaction reporting, li kien jimplimenta l-Bank of Valletta fil-perjodi 2007 sa 2015;" u

> "f'kaz li f'dan il-perjodu tali dokumenti gew aġġornati, ghandhom jigu u pprezentati d-dokumenti kollha (kemm dawk preċedenti, kif ukoll kif aġġornati)".

Bis-saħħa ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2021 il-Bank konvenut qiegħed jopponi l-preżentata tad-dokumenti hawn fuq mitluba mill-attriċi nomine li jinsabu fil-pussess tal-imsemmi Bank. Il-Bank jinsisti li d-dokumentazzjoni li qiegħda tiġi mitluba tirrigwarda żvelar ta' *Anti-Money Laundering / Know you Client Procedures* u ċioe informazzjoni dwar il-ħidma u proċedura adottata mill-bank sabiex jassisti fil-ġlieda kontra l-frodi u ħasil tal-flus. Il-Bank jissottometti li l-proċedura adottata hija kkunsidrata sensittiva u kwalunkwe dokument intern tal-Bank għandu jiġi salvagwardat u m'għandux ikun aċċessibbli għall-pubbliku. It-tħassib tal-Bank għall-iżvelar ta' dawn il-proċeduri huwa li l-informazzjoni u dokumentazzjoni mitluba taqa' f'idejn persuni mhux idonei. Il-Bank jargumenta wkoll li l-piż tal-prova huwa fuq l-attriċi nomine u dan fuq il-prinċipju bażilari li min jallega jrid jipprova.

Fin-nota ta' referenza ppreżentata fl-24 ta' Frar 2021 il-Bank konvenut jagħmel referenza għall-**Artikoli 558, 559 u 560 (1) tal-Kapitolu 12** u jispjega li l-produzzjoni tal-linji gwida tal-Bank, li huwa dokument intern, m'huwiex relevanti u m'huwiex permess mill-artikoli hawn imsemmija.

In oltre, sabiex jiġġustifika s-sensittivita tal-informazzjoni mitluba, il-Bank jagħmel referenza għar-**Regolament 16 (1) tal-Avviż Legali 372 tal-2017**

[2] Paġna 1110 tal-proċess.

**(Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu)** u jispjega li "l-ipprocessar u kontrolli li ghandhom isiru taht l-Att kontra il-*Money Laundering* [..] ghandhom isegwu regoli strettissimi per necessita, sabiex il-kontrolli ikunu effettivi u proprju wiehed mill-Pilastri ta din l-effettivita hija is-segretezza u kunfidenzjalita li ghandha tinsab f'dan il-kamp" u fejn kollox huwa sigriet salv fejn hu permess li jsir żvelar. Finalment fin-nota ta' referenza, il-Bank jgħaddi sabiex jagħmel referenza għal meta tista' tingħata eżenzjoni mill-prinċipju ta' segretezza u jagħmel referenza għall-**Artikolu 9 tal-Kapitolu 377, Att dwar is-Segretezza Professjonali**. Jissottometti li l-Qorti għandha tiddixxerni safejn għandu jiġi żvelat u li l-prinċipju huwa li ma jiġi żvelat xejn mid-dokumenti interni sakemm il-Qorti ma tarax li huma neċessarji.

Fi trattazzjoni finali imbagħad il-legali tal-Bank jagħmel referenza għall-**Artikolu 34 tal-Kapitolu 371, Att dwar il-Kummerċ Bankarju** liema artikolu jagħmel referenza għall-**Artikolu 12 tal-Kapitolu 373, Att kontra *Money Laundering*,** u li fih hemm l-obbligi ta' rappurtar u obbligi oħrajn meta uffiċċjali ta' istituzzjoni ta' kreditu jkollu għaliex jaħseb li transazzjoni tista' tinvolvi ħasil ta' flus.

L-attriċi nomine fir-risposta tagħha għar-rikors tispjega li t-talba għax-xhieda u d-dokumentazzjoni saret a bażi tal-**Artikolu 637 (1) (ċ) tal-Kapitolu 12.** Tirribatti wkoll li dak li għandu jiġi kunsidrat m'huwiex jekk huwiex dokument intern u li jappartjeni lil Bank iżda jekk huwiex relevanti u ta' interess għall-kawża u għaddiet sabiex tispjega r-relevanza u r-raġuni għalfejn talbet id-dokumentazzjoni li hija talbet.

Fit-trattazzjoni l-attriċi nomine tispjega li sabiex wieħed jiddetermina l-ħtieġa tad-dokumenti minnhom rikjesti, wieħed għandu jara x'qiegħed jintalab fir-rikors promotur. Dak li qiegħed jingħad fl-att promotur huwa li l-bank naqas li jagħmel dak li kien obbligat li jagħmel taħt liġi partikolari tal-*Money Laundering* fil-konfront ta' numru ta' tranżazzjonijiet u fil-konfront ta' meta kien hemm *on boarding* ta' ċertu klijenti.

Il-legali tal-attriċi jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Dr. Stephanie Muscat pro et noe vs. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et** (App Ċiv 962/2017 AF) mogħtija fil-31 ta' Mejju 2019 u jispjega li għalkemm m'hijiex identika għal każ odjern wieħed jista' joħroġ analoġija minna. L-istess fir-rigward ta' sentenza oħra li saret referenza għaliha mil-legali tal-attriċi fl-ismijiet **Vincent Saffrett JNR vs. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (App Ċiv Nru 235/2011) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-29 t'April 2015. Fit-trattazzjoni ġie ukoll kkjarifikat li jekk il-bank ma jridx jippreżenta l-manwal kollu, tal-anqas għandu jippreżenta dak li jinteressa lill-attriċi nomine u ċioe fir-rigward tal-*onboarding* "x'kienu l-obbligi ta' l-impjegati fit-transazzjonijiet skond l-ammonti li jiena ccitajt, x'kienu l-obbligi taghhom in kwantu ghal STR's. [...] Jien ma tlabtux tini standard procedures kollha tieghek. Jien ma ghidtlux tini l-firewalls tieghek kif semma tajjeb il-kollega, il-firewalls tieghek kif inti tipprotegi s-sistema tieghek. Jien ma tlabtux jaghtini relevanza jew dokumentazzjoni jew access ghal xi haga dwar l-IT. Jien ma tlabtu xejn minn dan. Jiena tlabtu biss dokumenti relevanti ghall-kawza tieghi biss u kont specifiku." Ikompli jingħad fit-trattazzjoni li l-attriċi ma ssibx problema li l-informazzjoni li tingħata mill-Bank tiġi limitata għas-snin li saru t-tranżazzjonijiet u ċioe bejn l-2009 u l-2011.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Il-pern tal-azzjoni hija l-allegazzjoni li l-Bank naqas mill-obbligi tiegħu li jirrapporta tranżazzjonijiet suspettużi u naqas ukoll mill-obbligi tiegħu meta ippermetta l-ftuħ ta' kontijiet bankarji mingħajr ma sar il-proċess ta' diliġenza dovuta. Dan huwa dak li qiegħda tallega l-attriċi nomine u għalhekk ai termini tal-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"*onus probandi*" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". Ta'

min jgħid iżda li dan l-artikolu jibda billi jipprovdi li r-regola hija applikabbli "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi".

L-**Artikolu 558 tal-Kapitolu 12** jipprovdi wkoll li l-prova li għandha titressaq m'għandhiex tkun kwalunkwe iżda "għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet" u dan sabiex jiġi evitat milli l-proċess ikun inondat b'xhieda u dokumentazzjoni irrelevanti. Għalkemm parti f'kawża tista' titlob l-isfilz ta' xhieda jew dokumenti li fil-fehma tiegħha hija meqjusa irrelevanti, hija l-Qorti li fejn jidhrilha li l-prova hija irrelevanti "jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib", li tista' tiċħad milli tinġieb dik il-prova[3] u m'huwiex il-parti li jiddetermina jekk dik ix-xhieda hijiex irrelevanti, żejda jew mhux l-aħjar prova. Dan magħdud, fil-każijiet kollha l-Qorti tordna li ssirilha l-aħjar prova li tista' tinġieb[4].

Għaldaqstant jekk l-attur jonqos milli jġib l-aħjar prova din tissarraf fi żvantaġġ għalih. Din ġiet kkunsidrata fil-kawża **Mario Galea vs. Joseph Buhagiar** (Ċit Nru1565/1996) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Mejju 2004 fejn ingħad is-segwenti:

> "Premessi dawn il-provi, din il-Qorti tibda biex tippuntwalizza, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi skond il-principju maghruf ta' l-oneru tal-provi l-attur hu obbligat li jiddemostra l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnu. [...] Dan l-obbligu normattiv tad-dritt procedurali (Artikolu 562, Kapitolu 12) huwa hekk vitali in kwantu jispetta lill-attur li jgib provi tal-fatt allegat u b' hekk jsostni l-bazi tat-talba tieghu. Il-kwalifikazzjoni stess tad-deduzzjoni probatorja qua oggett ta' oneru necessarjament, u guridikament, taghmel dawn il-provi impellanti fuq l-attur li hu gravat b'dan l-oneru. Jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, u l-fatt allegat jibqa' fi stat ta' incertezza jew ta' dubbju, dan id-dizimpenn fl-attur jittraduci ruhu fi zvantagg ghalih. Dan ghaliex huwa l-attur li hu mghobbi bil-piz li joffri c-certezza tal-fatt u jekk

[3] **Artikolu 560 (1) tal-Kapitolu 12**.
[4] **Artikolu 559 tal-Kapitolu 12**.

> allura hu jonqos milli jiskarika dan il-piz jigi li hu ma pprovax adegwatament u sodisfacentement il-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu;"

L-attriċi fil-każ odjern tinsisti li l-aħjar prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha tinsab fil-pussess tal-parti opposta u l-Bank qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jostakola l-prova tal-verità billi jopponi għal preżentata tal-aħjar prova li f'dan il-każ tinstab għand il-bank konvenut stess. Ta' relevanza hawnhekk huwa l-**Artikolu 570 tal-Kapitolu 12** li jipprovdi li:-

> "Bil-mandat ix-xhud jista' jiġi mħarrek li jġib miegħu kotba, dokumenti, jew ħwejjeġ oħra, li jkunu tal-partijiet fil-kawża jew ta' waħda minnhom, jew li jkun qiegħed jieħu ħsieb tagħhom ix-xhud jew li jkunu taħt il-kustodja tiegħu, inkella li, skont il-liġi, ix-xhud ikun fl-obbligu li jġib."

L-**Artikolu 637** tal-istess kapitolu jipprovdi li:-

> "(1) Tista' tintalab l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' ħaddieħor –
> [...]
> (ċ) jekk il-parti li titlob l-esibizzjoni tad-dokumenti, għalkemm id-dokumenti ma jkunux tagħha jew ma jkollhiex sehem fihom, turi li għandha interess li jinġiebu mill-parti l-oħra fil-kawża;"

**Il-Kapitolu 12 proprju taħt it-tielet, ir-raba' u l-ħames sub-artikolu tal-Artikolu 637** jelenka dawk id-dokumenti li huma kunsidrati privileġġjati u li minnhom ebda xhud ma jista' jiġi mġiegħel jiżvela xi informazzjoni miġjuba minn jew li għandha x'taqsam ma' wieħed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 637 (3).[5]

Din il-Qorti tqis li l-elenku jagħmel referenza għal dokumenti miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi, u għal proċessi verbali, atti ta' kompilazzjoni, jew dokumenti oħra dwar affarijiet kriminali, jekk il-proċess verbal, atti ta'

[5] Artikolu 590 (2) tal-Kapitolu 12.

kompilazzjoni, jew dokument li ma jkunux iddepożitati fir-reġistru. Din il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm l-Artikolu **632 (1) tal-Kapitolu 12** jipprovdi li "kull kitba [...] li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova" [6], dan l-istess artikolu kif ukoll l-Artikolu 637 ma jagħmlu l-ebda referenza jew eċċezzjoni għal dokumenti interni bankarji u manwal, daqstant ieħor din il-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda provvediment simili għall-Artikolu 637 fil-Kapitolu 12 fir-rigward ta' bank jew entita finanzjarja oħra.

Dan magħdud, il-projbizzjoni ta' żvelar ta' informazzjoni dwar l-affarijiet tal-bank hija regolata proprju fl-**Artikolu 34 (2) tal-Kapitolu 371** fejn jipprovdi li

> "Ebda persuna, inklużi uffiċjali jew aġenti tal-imgħoddi jew tal-preżent ta' bank, m'għandha tiżvela ebda informazzjoni dwar l-affarijiet ta' bank jew ta' klijent ta' bank li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu"

Dan l-artikolu però ma jieqafx hawn u jkompli b'lista ta' eċċezzjonijiet u fosthom wieħed isib is-segwenti eċċezzjoni: "(ċ) meta tkun legalment meħtieġa tagħmel hekk minn xi qorti jew taħt xi dispożizzjoni ta' xi liġi".

Ifisser għalhekk li, fuq ordni ta' Qorti, kull uffiċjal tal-bank għandu jiżvela l-informazzjoni dwar l-affarijiet ta' bank meta jkun hekk deċiż li hu meħtieġ minn dik l-istess Qorti. Dan iwassal lill-Qorti **tikkonkludi** li l-projbizzjoin ta' żvelar ta' dokumenti interni ta' bank m'huwiex wieħed assolut.

Il-bank konvenut isejjes l-argument tiegħu ta' 'esklużżivita' tad-dokumenti prinċiparjament fuq żewġ liġijiet u ċioe l-**Att dwar is-Segretezza Professjonali (Kapitolu 377)** u **Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 (Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu)** liema tagħmel referenza għal xi artikoli tal-**Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373).**

---

[6] Sottolinear tal-Qorti.

Din il-Qorti sejra tibda billi tagħmel referenza għall-**Artikolu 9 tal-Kapitolu 377** li jipprovdi li l-"Qorti tista' tawtorizza jew toħroġ ordni għal kxif ta' tagħrif sigriet skont id-disposizzjonijiet espressi ta' liġi, u biss għal finijiet speċifiċi li għalihom dik id-disposizzjoni tkun saret b'liġi, jew għall-iskop speċifiku ta' prevenzjoni, kxif jew detezzjoni tal-egħmil ta' atti li jammontaw jew li x'aktarx jammontaw għal reat kriminali".

Skont dan l-artikolu l-kxif ta' tagħrif sigriet  jista' jsir (a) għal finijiet speċifiċi li għalihom dik id-dispożizzjoni tkun saret b'liġi, jew (b) għall-iskop speċifiku ta' prevenzjoni, kxif jew detezzjoni tal-egħmil ta' atti li jammontaw jew li x'aktarx jammontaw għal reat kriminali.

Fil-każ odjern il-parti relevanti minn dan l-artikolu hija l-ewwel parti u dan qiegħed jingħad għaliex fil-każ odjern mhux qiegħed jiġi meqjus il-prevenzjoni, kxif jew detezzjoni tal-egħmil ta' att li jammonta għal reat kriminali. Waqt id-dibattitu parlamentari dwar dan l-artikolu ġie spjegat li "fejn hemm dispożizzjonijiet speċifiċi f'liġijiet ta' kif il-qorti tista' tordna xhud li jagħti xiehda, anke fejn ikun hemm sigrieti, allura għandhom ikunu supremi dawk l-i*specific laws*"[7]. Għaldaqstant f'dan ir-rigward, l-iżvelar ta' sigriet – f'dan il-każ informazzjoni dwar  l-affarijiet tal-bank – imsemmi f'dan l-artikolu jista' jsir skont dispożizzjoni speċifika u ċioe skont id-detami tal-Artikolu 34 (2) (ċ) tal-Kapitolu 371 sukwotat.

Imiss issa għalhekk li jiġi kkonsidrat jekk il-projbizzjoni ta' żvelar ta' dokumenti sigrieti hijiex minflok regolata bil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01, Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu,** b'mod partikolari **Regolament 16**. Dan jipprovdi hekk:

> "(1) Persuna suġġetta, awtorità sorveljanti, kull uffiċjal jew impjegat ta' persuna suġġetta jew awtorità sorveljanti, jew kull persuna li minn għandha

---

[7] Waqt is-Seduta Nru. 300 miżmuma fid-19 ta' Lulju 1994 ġie diskuss l-Att XXIV tal-1994 li introduċa l-Kapitolu 377.

l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jkun talab xi informazzjoni skont dawn ir-regolamenti jew l-artikolu 30 tal-Att, jew kull persuna oħra li tkun wasslet informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, li tiżvela lill-persuna involuta jew lil xi terza persuna, b'mod ieħor minn kif previst f'dan ir-regolament, il-fatt li tkun intalbet xi informazzjoni mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew li tkun ġiet imwassla jew tista' titwassal informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, jew li tkun twettqet, tkun qegħda, jew tista' titwettaq xi analiżi jew investigazzjoni, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mija u ħmistax-il elf euro (€115,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien."

Sabiex wieħed jifhem aħjar liema hija dik l-informazzjoni li ma tistax tiġi żvelata, ikun għaqli li ssir referenza għal dokument imħejji mill-***Financial Intellegance Analysis Unit*** bl-isem ***Financial Intellegance Analysis Unit: Implementing Procedures Part I*** fejn jelenka dawk l-istanzi li tagħhom ma jistax isir żvelar lill-persuna konċernata jew terza persuna:

*"(a) an STR [Suspicious transaction report] has been made to the FIAU;*
*(b) the FIAU demanded information within the context of an ML/FT [Money laundering and funding of terrorism] analysis;*
*(c) information has been or may be transmitted to the FIAU within the context of an ML/FT analysis; and*
*(d) an ML/FT analysis or investigation has been, is being carried out or may be carried out by the FIAU or by a law enforcement agency, respectively."*[8]

Huwa ċar mill-qari tat-taħrika tat-12 ta' Jannar 2021 preżentata mill-attriċi nomine li ebda waħda minn din l-informazzjoni ma qiegħda tiġi mitluba li tiġi żvelata mis-soċjetà konvenuta. Din il-Qorti tifhem li meta l-attriċi qiegħda titlob

[8] Financial Intellegance Analysis Unit: Implementing procedures Part I kif emendat fil-15 ta' Settembru 2019 dokument imħejji mill- Financial Intellegance Analysis Unit https://www.mfsa.mt/wp-content/uploads/2019/08/FIAU-Implementing-Procedures-Part-I2019.pdf p 221 - l-aħħar aċċess f'dan is-sit elettroniku sar fid-9 ta' April 2021.

informazzjoni dwar *suspicious transaction reporting*, qiegħda titlob informazzjoni dwar meta u f'liema istanzi din issir u mhux qiegħed jiġi mitlub speċifikament jekk kienx sar rapport lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja. *In ogni caso* anke jekk qiegħda tintalab dik l-informazzjoni, ir-**Regolament 16 (2)** jipprovdi dawk iċ-ċirkostanzi meta jista' jsir żvelar u dan jinkludi meta:-

> "(e) kull żvelar minn persuna suġġetta matul proċedimenti istitwiti kontra l-persuna suġġetta għal, jew bħala konsegwenza ta', in-nuqqas jew dewmien fit-twettiq ta'operazzjoni, quddiem xi qorti kompetenti, tribunal jew awtorità ġudizzjarja oħra f'Malta jew barra minn Malta, inkluż kull żvelar li jsir f'xi atti bil-miktub jew sottomissjonijiet, li l-persuna suġġetta tkun żammet lura milli twettaq xi operazzjoni kif meħtieġ u kif hemm fl-artikolu 28 tal-Att:
>
> Iżda kull żvelar taħt dan il-paragrafu m'għandux jikkostitwixxi reat taħt is-subregolament (1) biss meta kull żvelar bħal dak isir wara li jgħaddi l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-proviso mal-artikolu 28(1) tal-Att, u meta jkun il-każ, wara li jgħaddi kull perjodu ta' żmien li matulu l-eżekuzzjoni tal-operazzjoni tkun opposta mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif hemm fl-artikolu 28 tal-Att;"

Iż-żmien li jissemma fil-*proviso* tal-Artikolu 28 (1) tal-Att kontra *Money Laundering*, huwa ta' ġurnata waħda tax-xogħol wara l-jum li fih l-informazzjoni tkun ġiet riċevuta mill-Korp. It-tranżazzjonijiet suspettużi li fuqhom l-attriċi nomine qiegħda tistaqsi jmorru lura għal perjodu bejn l-2009 u l-2011 u għalhekk jekk kien sar xi rappurtaġġ ta' transazzjoni suspettuża lill-Korp konċernat, il-perjodu msemmi fil-liġi ilu li għadda. Fil-fehma tal-Qorti lanqas il-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 u/jew l-Kapitolu 373 ma jipprojbixxu b'mod assolut l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba mill-attriċi nomine.

Ikkunsidrat;

Hekk li ġie determinat li l-leġislazzjoni ma tipprovdi għal ebda projbizzjoni assoluta ta' żvelar ta' dokumenti interni bankarji, imiss issa li tiġi meqjusa l-ġurisprudenza lokali u dik estera.

Minn qari tas-sentenzi dwar il-produzzjoni o meno ta' dokumenti kunfidenzjali jew privileġġjati, il-linja ġenerali hi illi kull dokument, għajr dawk meqjusa privileġġjati bil-liġi, jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti. Dan jista' jsir wara li l-Qorti tkun qieset li huma dokumenti relevanti għal dik il-kawża u wara li tagħti ordni ta' kif dik ix-xhieda u dokumentazzjoni sejra tkun salvagwardata.

**Ġurisprudenza tal-Qrati Maltin**.

a. **FX-CAM Consulting and Advertisement Ltd vs. Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta** (App Inf 67/2019 LM) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-3 ta' Marzu 2021:

"Qabel xejn għandu jiġi rilevat li d-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjetà appellata għall-preżentata tad-dokumenti rikjesti, żammet strettament mat-talba magħmula fejn ġiet mitluba l-preżentata ta' dawk id-dokumenti, kif ukoll il-korrispondenza, rapporti/evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li ġew skambjati bejn is-*SMSU* u l-*SC* in segwitu għall-ispezzjonijiet li wettqet l-Awtorità appellanta fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali kondotti mis-soċjetà appellata, u li wasslu l-Awtorità appellanta tiddeċiedi li għandha tikkanċella l-liċenzja tas-soċjetà appellata. Għalhekk it-Tribunal hawn laqa' *verbatim* it-talba mressqa mis-soċjetà appellata fir-rikors tagħha li minn qari akkurat, kif sewwa tgħid l-istess soċjetà appellata, hija waħda limitata għal dokumenti partikolari u mhijiex waħda fejn qed jintalab kull dokument b'mod li jista' jħasseb lill-Qorti li qed issir l-allegata *"fishing expedition"*.

"[...] Fl-ewwel lok il-Qorti tgħid li ma tistax l-Awtorità appellanta tippretendi li għandha tkun ġudikant hi stess, minflok it-Tribunal, dwar dawk id-dokumenti li jistgħu jiġu żvelati u dawk le *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-

liġi ċitati minnha, u dan tgħidu għaliex l-oġġezzjoni tal-Awtorità appellanta jekk tintlaqa' ser twassal għal din is-sitwazzjoni."

b. Fis-sentenza **Valle del Miele Limited vs. Raphael Aloisio** (Ċit Nru 1902/2001 JA) l-ewwel Qorti ma laqatx it-talba sabiex jiġu ppreżentati xi dokumenti meqjusa sigrieta però l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2020 uriet li hija kienet tal-fehma li "kien ikun aktar għaqli li f'kawża tal-komplessità ta' din tallum il-qorti jkollha quddiemha t-tagħrif kollu relevanti, partikolarment fuq l-operat tal-konvenuti kif joħroġ mill-*working papers* u x-xogħol ta' tħejjija għall-*audit* [...]".

c. **Peter Paul Sammut vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Nru 367/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-16 ta' Diċembru 2019:

"Il-Qorti għalhekk, trid twieżen żewġ interessi pubbliċi differenti – dak imsemmi fl-artiklu 38(d) [tal-Kapitolu 496 – l-Att Dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni] u l-interess pubbliku li jinqeda billi l-attur ikollu equality of arms proċedurali u billi l-attur ma jiġix imfixkel mid-dritt għall-aħjar prova biex ikunu jistgħu jiġu likwidati d-danni fil-każ li tinsab xi responsabilita` da parti tal-konvenuti kollha jew uħud minnhom. [...] B'danakollu, wara li qieset l-aspetti kollha tal-każ, din il-Qorti tordna li l-Kummissarju jiġi mħarrek biex jidher quddiemha għas-seduta li jmiss u jesebixxi estratt mill-ftehim settorjali in kwistjoni fejn dan jirrigwarda salarji biss, liema estratt għandu jiġi ssiġillat; miżmum fis-sigrieta ta' din il-Qorti u disponibbli biss għall-Qorti u għall-avukati tal-partijiet. Kwalunkwe domandi li jistgħu isiru lill-Kummissarju jew rappreżentant tiegħu fir-rigward ikunu ukoll issiġillati u disponsibbli bl-istess mod".

d. **Dr. Stephanie Muscat pro et noe vs. Il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku et** (Rik Nru 962/2017 AF) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2019:-

"12. [...] d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex maħsuba li jissostitwixxu r-regoli tal-proċedura li jinsabu fil-Kodiċi

Proċedurali dwar smigħ ta' kawżi, iżda għandhom jitfissru b'riferenza għal din. Dan jingħad għaliex l-għan tal-Kapitolu 496 mhuwiex l-istess bħall-għan li għalih jintalab quddiem xi qorti t-tressiq ta' dokument bħala prova;

13. Illi biex dokument jitqies bħala wieħed "privileġġjat", irid tabilfors jaqa' taħt xi waħda minn żewġ kategoriji speċifiċi msemmija fl-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet hemm imfissra.

[...]

15. Illi l-Qorti tqis ukoll rilevanti li l-Kummissjoni appellanti hija waħda mill-partijiet fil-kawża u mhux imsejħa bħala sempliċi xhud. Id-dokumenti mitluba mertu tad-degriet appellat jolqtu wkoll direttament l-interessi tal-attur *proprio* appellat u l-interess ġuridiku tiegħu fil-każ imressaq minnu;

16. Illi, kif inhu llum il-ġurnata miżmum minn qrati fejn is-saltna tad-dritt mhix imxekkla mill-morsa tal-ħabi bla mistħoqq ta' tagħrif amministrattiv, "*Privilege is an objection to production of evidence. Public interest immunity may be both an objection to production and to disclosure. Secondly, public interest immunity is not the privilege of either litigant, but is a necessary protection of the public interest: it is public law, not a private law right. ... The times when the court would rubber stamp a claim by the executive for immunity are now long gone. ... If the documents are prima facie disclosable, the objecting party will need to justify its refusal to disclose them.*" [H. M. Malek *Phipson on Evidence* (16th Edit, 2005) §§ 25-08 u 25-21, f'paġġ. 687 u 698 – 9];

jidher li t-tressiq tal-istess dokumenti jista' jħares biex ma ssirx ħsara jew jinħalaq xi preġudizzju għat-tmexxija ta' proċess ġust tal-attur quddiem il-Kummissjoni appellant.

[...]

19. Illi l-Qorti tagħraf ukoll, sa ċertu punt, is-siwi tal-argument tal-attriċi appellata *nomine* li l-artikolu 35(2) tal-Att iwieżen il-produċibilità ta' dokument eżentat taħt il-Kapitolu 469 mal-interess pubbliku li jinkiseb bl-iżvelar tiegħu. Tippreċiża, madankollu, li hawn mhijiex kwestjoni ta' żvelar iżda waħda dwar jekk dokument miżmum minn awtorità pubblika jistax jitressaq bi prova quddiem qorti. F'kull każ, għandu jkun daqstant ieħor ovvju l-fatt li d-dokumenti li l-ewwel Qorti ordnat li jitressqu bi prova quddiemha ma jsirux b'daqshekk dokumenti li jista' jmur jarahom min irid jew li b'mod indiskriminat jista' jsir użu minnhom lil hinn mill-għanijiet tal-każ speċifiku tal-attur *proprio* appellat u għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja f'dan il-każ;

20. Illi minbarra dan, il-Qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna li jinġieb jew jinżamm minn dokument imressaq bi prova dik il-parti biss li 'jkollha x'taqsam mal-kwistjoni fil-kawża [Art. 637(2) tal-Kap 12]. Madankollu, jibqa' dejjem il-ħtieġa li l-prova li tkun trid titressaq tkun waħda rilevanti għall-kwestjoni fil-kawża bejn il-partijiet [Art. 558 tal-Kap 12] u kif ukoll li tkun l-aħjar prova li l-parti konċernata tista' ġġib għall-konsiderazzjoni tal-Qorti [Art. 559 tal-Kap 12]. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddetta lill-ewwel Qorti x'miżuri jixraq tieħu biex ma jsirx użu mhux xieraq tad-dokumenti mressqa quddiemha bi prova jew min u kif jista' jarahom. Dan huwa eżerċizzju tad-diskrezzjoni sovrana li l-liġi tagħti lill-ġudizzju u d-dehen tal-Qorti li quddiemha miexja l-kawża;"

e. **Patricia Debono vs. Global Capital Financial Management Limited** (Rik Nru 370/2015AF) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Jannar 2019:

"Gie invokat ukoll l-Artikolu 637(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid li ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument milqut, fost ohrajn, bl-Artikolu 30 tal-aktar qabel indikat Kap. 496 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa car li dawn ir-regolamenti kollha jzommu l-produzzjoni tad-dokumenti mitluba mill-attrici f'din il-kawza. Dawn ir-regolamenti, pero`, donnhom ma jqisux l-interess tac-cittadin involut fi kwistjoni li marret hazin u qed jipprova jfittex rimedju ghall-hsara li garrab.

Din il-Qorti tara illi s-segretezza u kunfidenzjalita` kwazi assoluta li tipprovdi l-ligi tista' tolqot fil-laham il-haj lill-vittmi ta' agir hazin da parti ta' istitut finanzjarju, kif inhi s-socjeta` konvenuta f'dan il-kaz, u fl-interess tal-gustizzja l-qrati ghandhom ikollhom diskrezzjoni jippermettu l-produzzjoni ta' xi dokumenti li jkunu jistghu juzufrugaw t-tezi tal-vittma. Il-Qorti tara li ghandu jinholoq bilanc bejn id-dritt ta' kunfidenzjalita`, fl-interess tas-settur finanzjarju tal-pajjiz, u d-dritt tal-vittma li tinghata informazzjoni mehtiega mill-awtorita` pubblika biex tkun tista' thares l-interessi taghha.

[...]

Din il-Qorti tara, ghalhekk, li l-Qorti ghandha tikkontrolla d-dokumenti li jitressqulha. L-MFSA ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ghal ghajnejn il-Qorti biss id-dokumenti mitluba, u maghhom tipprezenta nota, ukoll ghall-ghajnejn il-Qorti, biss, li fiha tispjega, b'riferenza preciza ghal kull dokument, ghaliex thoss li ssofri pregudizzju jekk il-kontenut ta' dak id-dokument partikolari jigi zvelat. Sta mbaghad ghall-Qorti tiddeciedi liema dokumenti ghandhom jidhlu fl-atti u liema le; id-dokumenti mhux imdahhlin fl-atti jibqghu ssigillati fis-sigrieta tal-Imhallef li qed tiggudika dan il-kaz.

[...]

fl-interess tal-gustizzja u tal-harsien ghad-dritt ghal smigh xieraq ghac-cittadin, kull *blanket prohibition* ghall-prezentazzjoni ta' dokumenti, ma ghandhiex tkun permissibbli f'socjeta` demokratika, u lanqas ma ghandu jithalla f'idejn ufficjal pubbliku jiddeciedi x'ghandu jkunu pprezentat jew le. Hija l-Qorti li trid tikkontrolla dan il-process."

f. **Vincent Saffrett JNR vs. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (App Ċiv Nru 235/2011) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-29 t'April 2015:

"din il-Qorti tara illi fil-kaz in dizamina, tinsorgi, qabel kull kwistjoni legali, l-obbligu taghha li tqies jekk l-objezzjoni mressqa 'il quddiem mill-Kummissarju appellanti tistax twassal ghal vjolazzjoni attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, u cioe' ghad-dritt ta' smigh xieraq kif sanciti fil-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem. Dan l-obbligu jidher illi hassu anke it-Tribunal meta wasal ghad-decizjoni tieghu u dana ghaliex kien tal-fehma illi ir-rikorrenti kien jinstab fi zvantagg meta jipprova jiddefendi l-kaz tieghu ghaliex ma ghandux f'idejh id-dokumenti kollha li setghu wasslu ghad-decizjoni amministrattiva fil-konfront tieghu u li minnha huwa hassu aggravat. Kien fl-impossibilita allura, li jipprova jiggieled u jeghleb tali decizjoni issa quddiem it-Tribunal, li fuq kollox ghandha il-gurisdizzjoni tissindka l-operat amministrattiv ta' kull korp governattiv, u dana ghaliex ma kellux access ghal inkartament kollu dipartimentali li wassal ghall-azzjoni amministrattiva mehuda fil-konfront tieghu. [...]

Illi dana l-kuncett ta' "equality of arms" ghandu iktar jigi enforzat b'sahha meta l-kontendenti f'procediment gudizzjarju ma humiex *a pari passu*, dana ghaliex wiehed mill-partijiet jinsab f'posizzjoni vantagguza billi ghandu warajh istituzzjoni, bhal dik governattiva, li certament ghandha iktar sahha mic-cittadin ordinarju li minghajr dubbju ghandu mezzi iktar limitati ghad-disposizzjoni tieghu biex ikun jista' jiddefendi lilu innifsu.

[...]

Illi fil-fatt dana il-hsieb espress mill-Qorti Ewropeja jinsab anke sancit fil-Kapitolu 496 iccitat mill-Kummissarju appellanti fejn fl-artikolu 35 jigi stabbilit it-test li ghandu jigi applikat sabiex jigi verifikat jekk dokument ghandux jitqies bhala dokument ezentat taht l-artikolu 36 meta jinghad illi:

“**Dokument jista’ ma jingħatax skont id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima biss jekk ikun fih materja li fir-rigward tagħha l-interess pubbliku li jinqeda bin-nuqqas ta’ żvelar m’għandux piż aktar mill-interess pubbliku li jinqeda jekk id-dokument ikun żvelat**.”

Dan ifisser illi l-mizien irid necessarjament ixaqqleb favur l-interess pubbliku u nazzjonali iktar milli lejn l-interessi privati tac-cittadin sabiex id-dokument isir wiehed privileggjat.

[...] Dina l-informazzjoni hija essenzjali ghat-taxpayer sabiex ikun possibbli ghalih li jiddetermina dak li wassal lil Kummissarju ghad-decizjoni tieghu jew ghal kalkoli minnu maghmula u allura huwa ikun f’posizzjoni ahjar li jista jiddefendi ruhu. Fuq kollox mill-izvelar tal-process kollu li wassal ghal komputazzjoni tat-taxxa it-taxpayer jista’ ukoll isib illi ma ghandux ragun fil-kontestazzjoni tieghu biex b’hekk jigu evitati proceduri gudizzjarji minghajr bzonn.”

g. **Mid-Med Bank vs. Joecar Limited et** (Ċit Nru 2725/97 GC) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla fl-20 ta’ Frar 2001:

“Jirrizulta ghalhekk li din il-kwestjoni principalment tittratta dwar relazzjoni bankarja esistenti bejn il-bank attur u s-socjeta konvenuta Joecar Limited, fejn l-istess bank attur ikkonceda facilitajiet bankarji lis-socjeta ghan-negozju taghha. Meta gew koncessi dawn il-facilitajiet gie instawrat bejn il-partijiet rapport ta' kunfidenzjalita privileggjat u ghalhekk protett mill-ligi. In vista ta' dan il-bank, funzjonarji tieghu u impjegati tieghu lkoll ghandhom id-dmir li ma jikxfux ebda informazzjoni dwar il-klijent jew il-kontijiet tieghu jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-istess klijent. Din il-kunfidenzjalita' bankarja hi sancita bl-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kapitolu 371), b'mod partikolari bil-provedimenti tal-artikolu 34 li jipprovdu fost affarijiet ohra li ebda funzjonarju jew impjegat ta' bank ma ghandu jikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta’ klijent tal-bank, liema informazzjoni tkun giet miksuba fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tieghu jew fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu;

L-istess artikolu jipprovdi pero' ghal xi eccezzjonijiet fosthom meta l-istess funzjonarju jew impjegat ikun qed jaqdi d-dmirijiet tieghu jew qed jesercita l-funzjonijiet tieghu. Il-konvenuti stess jaqblu li, in effett, id-dmir tal-kunfidenzjalita' bankarja mhux wiehed assolut u li l-ligi stess tipprovdi ghal xi eccezzjonijiet. Inoltre l-konvenuti stess jammettu li l-kaz in ezami jaqa' taht wahda minn dawn l-eccezzjonijiet peress illi hawnhekk it-tikxif ta' certu informazzjoni hu mehtieg fl-interess tal-bank stess;

[...] Inoltre l-istess bank jew il-funzjonarji tieghu ma jistghux jitqiesu li huma vinkolati bis-sigriet professjonali sakhemm dawn ikunu qed jixhdu bil-ghan li ssir il-prova dwar il-pretensjonijiet attrici jew dwar xi eccezzjoni kif sollevata mill-konvenuti. F'dan ir-rigward pero' hemm ukoll certi limitazzjonijiet, li, in effett, huma imposti mill-istess obbligu tas-sigriet bankarju inkombenti fuq il-bank attur. Dawn il-limitazzjonijiet jirreferu ghal meta ix-xhud prodott mill-bank attur ikun jrid imur oltre dak li hu ragionevolment necessarju sabiex tigi pruvata t-talba jew sabiex jigi pruvat xi haga dwar xi eccezzjoni;

Ghalhekk ix-xhud prodott mill-bank attur u li hu impjegat jew ufficjal tal-istess bank attur ma jistax imur, fix-xhieda tieghu, oltre dak li hu ragionevolment necessarju sabiex jigu pruvati t-talbiet attrici jew xi haga dwar xi eccezzjoni tal-konvenuti. F'kaz li jkun ser jigi zvelat aktar minn dak li hu ragionevolment necessarju, jkunu applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali (Kapitolu 377). Skond dan l-artikolu jekk ser jigi svelat is-sigriet professjonali ghandu qabel ikun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u d-deposizzjoni relattiva ghandha tinstema' *in camera* u tkun biss accessibbli ghall-qorti u ghall-partijiet. Ghalhekk jekk ix-xhud ser jizvela aktar minn dak li hu ragionevolment necessarju hemm bzonn li l-ewwel jigi aworizzat mill-qorti u sussegwentement l-istess xhieda ghandha tinghata in camera u m'ghandiex tkun accessibbli ghal kullhadd;”

**Ġurisprudenza mill-Qrati Ingliżi**.

Il-Qorti sejra tikkunsidra wkoll il-ġurisprudenza riċenti Ingliża fir-rigward. Mis-sentenzi hawn taħt kwotati, jirriżulta li l-Qrati Ingliżi wkoll ħadu direzzjoni li għandhom jiġu ppreżentati dawk id-dokument li huma meħtieġa sabiex parti tipprova dak li qiegħda tallega, irrispettivament jekk dawk id-dokumenti humiex meqjusa sigrieti jew interni:

a. **Byers & Ors v Samba Financial Group** [2020] England and Wales High Court (EWHC) 853 (Ch) deċiża fit-8 t'April 2020[9]

"72. It acknowledges that this would be an unusual step for the court to take, but says that the circumstances are most unusual and that the evidence in favour of it is very clear. It submits that although a trial without the Bank's relevant documents is unsatisfactory, the absence of the documents is likely to (or could) disadvantage both parties equally, not just the Claimants, since the undisclosed documents could prove the Bank's lack of knowledge of SICL's interest in the Relevant Securities just as much as they could prove its knowledge.

[...]

145. The question of whether any of the preliminary issues can fairly be tried now is not the same as the questions that the Court of Appeal and Birss J had to consider but it is very closely related to them. It amounts to this: do the issues turn solely on questions of law (or foreign law) or undisputed primary facts such that no trial conducted with the benefit of the Bank's disclosable documents is necessary fairly to resolve them?

146. With that introduction, it is necessary to identify, in relation to each of the issues advanced by the Bank, what the questions are that arise; to what extent they depend on facts that may be disputed, and whether they are potentially sensitive to disclosure of the Bank's documents. If the questions

[9] https://www.bailii.org/ew/cases/EWHC/Ch/2020/853.html#II l-aħħar aċċess f'dan is-sit elettroniku sar fit-12 ta' April 2021.

when correctly analysed are questions of law or questions of law and undisputed (or undisputable) facts, then the failure of the Bank to give disclosure may not prevent a fair trial of such questions. If on the other hand there is a relevant factual dispute, or material facts to which the Bank's undisclosed documents are potentially relevant, then a fair trial of that issue is likely to be impossible without disclosure."

b. **Omers Administration Corporation & Ors v Tesco plc** [2019] EWHC 109 (Ch) deċiża fil-25 ta' Jannar 2019[10]:-

"79. [...] (5) As was made clear in the *Abacha* case (see paragraph 65 above), in answering that question the court may properly have regard to the test of necessity, though that is no longer in this context a free-standing or exclusively determinative test. The Court must consider whether the same information is available from another source; it must consider also whether a restricted form of disclosure will suffice. But if production of a document would be likely to be of litigious advantage to the applicant, or if its non-disclosure would result in the applicant being potentially at a litigious disadvantage, that may well outweigh or take precedence over other considerations: indeed, at least where the confidentiality asserted is purely private and engages no wider considerations as to the public interest, it is almost certain to do so, subject to devising suitable protections to minimise the intrusion: Counsel were unable to identify any case where it had not.

[...]

[...] *Dunn v Durham County Council)* served to emphasise that:

"…disclosure is never a simply binary question: yes or no. There may be circumstances…where a proper evaluation and weighing of the various

[10] https://www.bailii.org/ew/cases/EWHC/Ch/2019/109.html l-aħħar aċċess f'dan is-sit elettroniku sar fit-12 ta' April 2021.

interests will lead to the conclusion that (i) there should be disclosure but (ii) the disclosure needs to be subject to safeguards."

(11) Nevertheless, the trend of the decisions confirms that it is probably only in circumstances where the judge is not only persuaded of strong or 'weighty' considerations against disclosure (whether by reference to confidentiality or 'the compulsion principle') but also unpersuaded of there being any litigious advantage to be gained by disclosure which could not be obtained in some other less intrusive way that the Court will refuse production in a party/party case. Furthermore, if provisionally thus unpersuaded, a judge should ordinarily inspect the underlying material to satisfy himself further: and see *per* Neuberger J in *B & C Holdings* at page 109 *a-b.*

(12) Generally, or by way of summary, in the case of an application by a party for production of documents from another party which accepts that the documents are relevant the balance is very likely to favour production, unless the same information is available from another source without disproportionate difficulty; but the Court will seek to impose appropriate protections insofar as compatible with the needs of justice, including the public interest in a transparent and open process, and the interests of litigants in having their disputes conducted on the basis of all relevant materials.

[...]

111. In *Frankson* the judge at first instance imposed extensive restrictions (which were apparently approved by the Court of Appeal in dismissing the appeals), to protect confidentiality and with a view to maintaining the court's control over what use could be made of the material at trial, including the following (see page 1959 F-H):

(1) The documents were to be used solely for the purposes of inspection, drafting of witness statements and preparation for trial;
(2) No one provided with the transcripts was to disclose their content to anyone save for the above purposes;

(3) There was a strict limitation on the persons to whom copies of the transcripts could be provided;
(4) The transcripts were not to be treated as coming into the public domain, and no use was to be made of them that would result in their coming into the public domain without the consent of the interviewees or the court;”

c. **Harlequin Property (SVG) Ltd and Another v Wilkins Kennedy** [2015] EWHC 3050 (TCC) deċiża fid-29 t’Ottubru 2015[11]

“22. The exercise of the court's discretion under r.3.19 is a balancing act. There is a clear public interest in ensuring that the SFO is able to conduct proper investigations on a confidential basis. But that should be balanced against the public interest that the administration of justice should not be frustrated: see ***Barrett v Ministry of Defence*** [1995] 1 WLR 1217. The ultimate test relevant to the exercise of the court's discretion is whether disclosure and inspection of the documents is necessary for disposing fairly of the proceedings: see Lord Wilberforce in ***Science Research Council v Nasse*** [1980] AC 1028 at 1066A-B.

23. I have concluded that, in the present case, the administration of justice, and the need to dispose fairly of the issues in this highly contentious case, outweighs any public interest in the withholding of the documents generated by the SFO investigation. My reasons are these. First, I have reviewed the documents and I am in no doubt that they are relevant (even highly relevant) to the issues in this case. […]

24. On behalf of the defendant, Mr Fenwick QC did raise the point that different considerations may apply to draft, as apposed to final, versions of the witness statements. That would be on the basis that, in connection with the drafts as opposed to the final versions, the dominant purpose test may be met. I have considered that point, although it was not a point taken by the

[11] https://www.bailii.org/ew/cases/EWHC/TCC/2015/3050.html l-aħħar aċċess f’dan is-sit elettroniku sar fit-12 ta’April 2021.

> SFO. In my view, in this case, having looked at the documents, no distinction needs to be drawn, and all of the documents that were the subject of the SFO objection are to be disclosed and offered for inspection."

Hekk meqjusa l-ġurisprudenza rilevanti l-aktar riċenti, sew nostrana kif ukoll estera, imiss issa li l-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet konklussivi tagħha.

Ikkunsidrat;

Dak li qiegħed jintalab li jiġi ppreżentat mill-Bank konvenut huma manwali rigwardanti *onboarding* u *ongoing monitoring* kif ukoll kif ukoll *suspicious transaction reporting*, li kien jimplimenta l-Bank of Valletta fil-perjodi 2007 sa 2015. Il-ħtieġa ta' dawn id-dokumenti jeħtieġ li jiġu eżaminati fid-dawl tal-azzjoni u t-talbiet tal-attriċi. Din hija azzjoni għal danni li allegatament soffriet l-attriċi nomine minħabba l-aġir tal-bank konvenut meta allegatament naqas mill-obbligi statutorji tiegħu li jirrapporta tranżazzjonijiet suspettużi u allegatament naqas ukoll mill-obbligi statutorji tiegħu meta ippermetta l-ftuħ ta' kontijiet bankarji mingħajr ma sar il-proċess ta' diliġenza dovuta.

It-talba għall-preżentata tad-dokument imsemmija fit-taħrika huma speċifiċi u ma jidhirx li hemm xi għan ta' *fishing expedition*. Dan jirriżulta wkoll minn dak li ingħad fit-trattazzjoni fejn ġie ċċarat li dak li qiegħed jintalab huma sezzjonijiet speċifiċi mill-manwali u m'humiex il-manwali kollha li qegħdin jintalbu – hija s-sezzjoni dwar *onboarding* u *monitoring* kif ukoll dwar rappurtaġġ ta' tranżazzjonijiet suspettużi dak li jeħtieġ jiġi ppreżentat.

Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza suċċitata, il-preżentata ta' dokument sigriet jiddependi min-natura tal-azzjoni u wkoll jekk il-Qorti tkunx tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha mingħajr il-ħtieġa ta' dak id-dokument. Fil-każ odjern din il-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-Qorti jkollha t-tagħrif kollu relevanti quddiemha sabiex tkun tista' tasal għal deċiżjoni li hija fl-interess tal-partijiet kollha f'din il-kawża. Tqis ukoll li d-dokumenti li l-attriċi nomine qed titlob li jiġu ppreżentati mill-bank konvenut huma provi rilevanti għall-mertu tal-kawża.

Għaldaqstant, għall-proċess ġust u ekwu kif ukoll sabiex ikollha quddiemha l-aħjar prova, il-Qorti sejra tordna li d-dokumentazzjoni mitluba mill-attriċi jiġu ppreżentati. Dan magħdud, fir-rigward tas-*suspicious transaction reporting* li kien jimplenta l-Bank of Valletta, il-Qorti sejra tordna li tinġieb biss dik il-prova għal perjodu bejn l-2009 u l-2011 u dan qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 637 (2) tal-Kapitolu 12.

Rigwardanti s-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tad-dokumenti minn żvelar żejjed, din il-Qorti qed tiddeċiedi li d-dokumentazzjoni kollha imsemmija fit-taħrika in kwistjoni għandha tiġi eżebita *animo ritirandi* u f'dan l-istadju jinżammu siġillati u aċċessibbli biss għall-Qorti u għall-avukati tal-partijiet u mingħajr ma jittieħdu kopji, b'riżerva li aktar 'il quddiem il-Qorti tagħti direzzjonijiet ulterjuri fir-rigward u b'riżerva illi wara li jiġu fi tmiemhom il-proċeduri ġudizzjarji l-Qorti tawtorizza li d-dokumenti sensittivi jiġu irtirati lura mill-bank konvenut. Kwalunkwe domandi li jistgħu isiru lir-rappreżentant tal-Bank fir-rigward ta' dawn id-dokumenti ikunu ukoll issiġillati u disponsibbli bl-istess mod liema testimonjanza tinstema bil-magħluq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mir-rikors tal-bank konvenut tat-22 ta' Jannar 2021 u mir-risposta relativa ppreżentata mill-attriċi nomine bil-mod segwenti:

1. Tordna li rappreżentant tal-bank konvenut f'kariga ta' mhux anqas minn manager jidher quddiemha għas-seduta li jmiss u jesebixxi *animo ritirandi* l-*employee manuals, Anti Money Laudering/Know Your Client (AML/KYC) manuals, onboarding templates u standard operating procedures*, limitatament relatati mas-segwenti:-

    - ***Onboarding***
    - ***Ongoing Monitoring***
    - ***Suspicious Transaction Reporting***

li kien juża u/jew jimplimenta l-bank konvenut bejn is-sena 2009 sas-sena 2011, liema dokumenti għandhom ikunu ssiġillati, miżmuma fis-sigrieta ta' din il-Qorti u disponibbli biss għall-Qorti u għall-avukati tal-partijiet u mingħajr ma jittieħdu kopji. L-aċċess għal tali dokumenti isir mill-Avukat tal-attriċi nomine f'dati u ħinijiet koordinati mar-Reġistratur tal-Qorti.

2. B'riżerva li aktar 'il quddiem il-Qorti tagħti direzzjonijiet ulterjuri fir-rigward u b'riżerva illi wara li jiġu fi tmiemhom definittivament il-proċeduri ġudizzjarji l-Qorti tawtorizza li d-dokumenti jiġu irtirati lura mill-bank konvenut.

3. Kwalunkwe domandi u risposti li jistgħu isiru lir-rappreżentanti tal-bank konvenut fir-rigward ta' dawn id-dokumenti ikunu ukoll issiġillati u disponsibbli bl-istess mod u s-smiegħ tal-istess jinżamm fil-magħluq.

**Moqri.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
21 ta' Ġunju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**